# Drappeġġ is-Safà
## Simboloġija, Eleganza u Divinità fil-Vestwarju tal-Qaddisin

*Kitba ta' Dott. John A. Agius*
*B.Psy (Hons), D.Psicol. Clin. (Universita' Degli Studi di Padova)*

**Nota Editorjali**

Id-diversi statwi proċessjonali ta' San Ġużepp li jinsabu mxerrda b'kwantità mal-Gżejjer Maltin, fil-parti l-kbira tagħhom jinsabu mżejna b'induratura dehbiena fuq l-ilbies tal-Qaddis u tal-Bambin. Dawn jirriflettu mhux biss il-qdusija tal-Patrijarka, iżda wkoll l-għożża tan-nies tal-lokal lejn San Ġużepp. Fi bliet u rħula fejn tiġi ċċelebrata bil-kbir din il-Festa, allura dawn it-tip ta' dekorazzjonijiet artiġjanali jsiru aktar intrinsiċi u elaborati. Bħala każ nistgħu nieħdu l-Istatwa ta' San Ġużepp tagħna stess, fejn l-induratura maħluqa minn Horace Farrugia fl-1984, għadha mhux biss issaħħar lil kull min jaraha, iżda wkoll tpoġġi lil din l-Istatwa fi klassi għaliha f'dal-qasam artistiku. F'dan l-artiklu surreali, Dr. John Agius iwaħħad is-safa' tal-qalb ta' San Ġużepp mad-drappeġġi li jostru l-persuna tiegħu.

Qaddis tagħrfu minn ħwejġu.

Għalkemm ħwejġek ma jagħmlukx qaddis.

Il-qaddisin jilbsu l-ħarir. Jekk mhux ħarir, allura damask tal-ħarir. Jekk mhux brukkat tal-ħarir, allura; bellus, u allura jintgħażel l-ifjen bellus... Bellus tal-ħarir appuntu.

Kollox l-aqwa u kollox mill-aħjar.

Allura, ħarir ta' lwien riflessi f'għajnejn Alla.

Ilbieshom ilellex u jimraħ maqbud minn żiffa bħal nifs Divin. Id-drapp tal-Qaddisin bħal minsuġ minn disinni mdehba, iżda għajn wild il-bniedem sew jinganna, għax mhux għalih li jifhem kollox.

Mhux ħjut jinfed in-nisġa t'ilbieshom. Ilbies il-Qaddisin miksija minn likwidu bħal deheb prezzjuż maħlul li jiġri u jserrep fl-isgraffjar tal-panneġġi tagħhom bħal ilma jgelgel ġol-ħawt u swieqi f'tarf raba' saqwi. Id-deheb jindura ħwejjeġ il-qaddisin bħal kolata lava li tixgħel lil suret il-Qaddis. Drappijiethom fl-aħħar xemx tikwieh f'dija bħal tal-Ġenna, u qamar sajfi jsaffih f'fosforexxenza eterja bħal ħsieb il-poeżija.

Maħsub biex jgħatti suret il-bniedem, drappeġġ jew vestwarju ironikament jikxef surietna. Mal-medda taż-żmien, l-ilbies konsistentament serva ta' mera ħajja tal-pożizzjoni personali f'kuntest soċjali, indikatur ta' rikezza, nazzjonalità, stat matrimonjali, moda u bla dubbju reliġjożità. Illum il-ġurnata minħabba li inevitabbilment tlifna dawk il-kuntesti soċjali li fihom dawn l-istatwi ġew maħduma u rappreżentati lill-Poplu, li allura tfisser li tlifna dawk il-ħjiel simboliċi jew messaġġi rieqda impliċiti fid-devozzjoni sħiħa tal-Qaddis. Tradizzjonalment l-importanza tal-kostum fuq statwa jew kwadru dejjem serva ta' għodda sabiex l-ispettatur kontemporanju jew ir-riċerkatur modern ikun jista' jagħti data u kuntest lil biċċa t'arti. Iżda bla dubju, l-ilbies milbus mill-figura jew Qaddis u l-mod kif jiġi impitter, skolpit jew iddekorat jgħin jiżvela bir ta' informazzjoni biex niddentifikaw il-personaġġ, nagħrfu u nifhmu l-artist, nieħdu ħjiel ta' provenjenza u b'mod aktar wiesa' nifhmu fil-fond aktar il-kuntesti soċjali bl-attitudnijiet u ideat rilevanti għal dawk il-perjodi storiċi.



L-Istatwa artistika ta' San Ġużepp meqjuma fil-Parroċċa taż-Żejtun u li kienet rebħet premju internazzjonali f'Fiera tal-Arti.

Bħal poplu in ġenerali, il-figuri tal-Qaddisin ivarjaw fil-moda u kif l-użu tad-dekorazzjoni tagħhom tirrifletti kuxjenza sħiħa ta' rwol fl-arti, l-arkitettura u l-ilbies bħala arma fina ta' propoganda politiko-

reliġjuża. L-ilbies tal-Qaddisin imsawwar minn tessuti lussużi jikkrejaw l-awra ta' Qaddis bħala figura ċentru ta' kult, fejn il-manifiċenza mhux biss hi indikazzjoni tal-kobor tal-Qaddis fil-ġerarkija Kristjana, iżda jwasslu messaġġ ta' saħħa għar-reputazzjoni tal-persuna, partit jew fratellanza li qed tikkommissjona l-istatwa. L-immaġni ta' Qaddis jew Qaddisa bix-xemx imlibbsa u bl-istilel mixgħula, turi l-qawwa u l-prosperità tal-fratellanza, partit, jew parroċċa li wara kenn il-Qaddis qed tiġbor it-twemmin tagħha. Dan il-ħsieb jieħu sinifikat ferm aktar qawwi fi żminijiet meta ċ-ċirkustanzi soċjali jkunu dawk ta' faqar jew kunflitti nazzjonali severi.



L-Istatwa ta' San Ġużepp tal-Ħamrun, fejn San Ġużepp għandu wkoll Soċjetà Mużikali u l-aktar triq ewlenija msemmijin għalih.

Meħlusa mill-jasar taż-żmien, il-Qaddisin jilbsu siegħa lbies il-popolin u siegħa lbies in-nobbli. Ilbies tipiku skont il-medda ta' żmien li huma jkunu qed jidhru fiha, maqtugħa mill-konvenjenza ta' riġidità storika jew il-korettezza kronoloġika tal-ġrajja proprja marbuta mal-Qaddis. Kollox permess, kollox possibbli fil-galateo tal-vestwarju tad-Divinità. Hawn il-libsa tittraxxendi l-bżonn tal-għata mill-ġisem ħaj u għarwien. Xi Qaddisin jilagħbu bejn nudità nofsha skoperta u l-kopertura l-aktar kasta, bħal biex jgħallmu li hemm linja fina wisq bejn sema u art, divin u uman, bejn ħajja u mewt.

Il-Qaddis bħal m'għandux bżonn korp, iżda l-korporatura tagħtih postura u solidità alkwantu fluwida fuq il-pedestall indurat jew fuq it-tila ingwarniċata fil-Glorja ta' lavur skwiżit bħall-ġelu. Hu dak l-istess form li se jagħtih figura u stat ta' preżenza fid-dinja tal-bniedem biex jiġi mogħti qima u jqanqal emozzjonijiet intensi midfuna fir-ruħ ċkejkna ta' kull wieħed minna, aħna dawk li Qaddisin m'aħniex.

Xi wħud mill-Qaddisin iżda huma l-isbaħ fost is-sbieħ.

Il-Qaddis għandu dejjem korpuratura sabiħa. Kull Qaddis hu sabiħ. Nasal biex ngħid, bilfors irid ikun sabiħ. Hu dak il-ġisem li ġie tturturat jew maħqur, hu dak il-korp li tgħakkas għall-Mulej... Hemm jasal il-ħsieb u allura l-bżonn l-aktar uman u soffistikament primittiv li dak il-korp sagru jitlibbes bl-ifjen ħarir u jiżżejjen bl-iprem ġawhar frott l-iżjed snajja antiki tal-manifattura tal-fidda u tad-deheb.

Id-dittatura tas-Sbuħija bħala l-kwintessenza tal-preżenza ta' Alla fid-dinja, donnu hi l-madmad kiefer fost il-ġerarkija tal-Qaddisin, Profeti, Patrijarki, Arkanġli, Anġli u saħansitra għaċ-ċkejknin Kerubini...

Il-movimenti ta' Qaddis huma l-armonija fiżika l-aktar assoluta. Kull ġest, kull ħarsa, kull pass meqjus jitriekeb fuq blata żonqrija jew fuq sħaba bħall-qoton. Min passejh imxekkel minn qorq ġojjell, u min sieqU ħafja bilkemm tmiss ma' trab l-art.

Qaddis imlibbes sabiħ skont kif tikkmanda s-sengħa se jgħaġġlek bħalu tifli s-smewwiet forsi tilmaħ il-kobor tal-Ħallieq... jġegħlek temmen, jikkonvinċik timxi warajh. Ikollok tħobbu. Daqstant kbir il-kobor u s-seħer tas-sabiħ.

Xejn ma nbidel minn ewl id-dinja. Il-*chiton* Dorika jew Ijonika, bħal tunika twila jew qasira hekk kif nafuha fuq l-istatwi misjuba Delphi, minsuġa minn suf jew għażel kienet tippermetti varjazzjoni infinita ta'



L-Istatwa ta' San Ġużepp meqjuma fil-Parroċċa ta' San Ġorġ Ħal Qormi, fejn ta' kull sena ssirlu festa sabiħa fl-ewwel ħadd ta' Mejju, bis-sehem sħiħ tal-Fratellanza Ġużeppina.



Bormla



Ħal Għaxaq



Ħal Kirkop



Ħaż-Żebbuġ



Żejtun



Msida



Rabat tal-Imdina



Żurrieq

drappeġġi madwar il-ġisem. Labar dekorattivi kienu jorbtu d-drappeġġ f'postu biex id-distanzi bejn spallejn u riġlejn iżommu komodament kif mixtieqa. Bl-istess mod, il-Qaddisin donnhom iħobbu jilbsu dak li l-Griegi jsejħu l-*chlamys*. Il-*chlamys* hi bħal kappa qsajra ġġib sa taħt il-qadd jew tawwalija tkaxkar sal-art. L-ekwivalenti fil-Qaddisin nisa hi l-*peplos* bħal drappeġġ tawwali minn 6 sa 8 jardi mdawwar b'sengħa u grazzja madwar il-korp sakemm jitbandal minn fuq l-ispalla. Il-*chiton*, il-*chlamys*, u l-*peplos* bħal jisfumaw u jevolvu fit-toga Rumana, fejn jintlaħaq il-klassiċità tal-vestarju fl-Olimpu tal-Qaddisin kif inhuma stampati fil-memorji kollettivi tagħha. Il-varjazzjoni timxi minn toga dalmatika fejn mat-tunika klassika jkollok il-kmiem pjuttost wesgħin jaslu sa nofs id-driegħ u terħa marbuta mal-qgħad. Id-dalmata kien l-istil ta' lbies hekk kif kien ġie addodatt mill-Knisja bikrija Nisranija, eżattament kif jidhru dejjem imlibbsin San Stiefnu u San Lawrenz. Fl-isbaħ forma tagħha din kienet it-*tunica palmata*, bi tripudju ta' rakkmu jiksirha bħal edera tixxebblek minn tula. Iżda l-aktar stil imfittex mill-Qaddisin, hi l-idea ta' żewġ tuniċi milbusa waħda mrikkba fuq l-oħra. Dik it-tunika ta' fuq il-laħam tissejjaħ *subacula,* u ta' fuqha mrikkba fuqha f'movimenti mill-aktar skultoreji, hi t-*tunica exteriodum.* It-*tunica exteriodum* sal-200AD twalet u saret il-*caracalla,* u sal-lum tkaxkar fuq il-pedestall indurat jew titajjar fuq l-artali jew is-soqfa tal-Knejjes tagħna.



**Fil-Għargħur, San Ġużepp huwa miżmum b'għożża kbira wara l-Patrun San Bert Appostlu. Din is-sena din l-istatwa sabiħa tagħlaq 150 sena mindu nħadmet minn Karlu Darmanin.**

Jekk il-Griegi u r-Rumani nebbħu l-forma tal-ħwejjeġ tal-Qaddisin tagħna, kienu l-Biżantini li għallmuna nżejjnulhom ilbieshom b'dekorazzjoni li bħal maħsuba biex iġegħluk tbaxxi rasek u titlef għaqlek wara d-Divin. Fil-Ktieb tagħna *The Western World Costume,* ippubblikat fl-1954, Carolyn G. Bradley tgħid: "is-sempliċità tal-ilbies il-qadim Ruman kellu jċedi għal kuluri ferrieħa, freneż, ġmiemi u l-ġawhar tal-Lvant. Din l-era daħħlet l-idea li jingħata u li jiġi oskurat il-ġisem".

Il-ħwejjeġ biżantini jsiru aktar ekkleżjastiċi bħal donnu qed titlibbes ir-ruħ pjuttost milli l-ġisem. Kostantinu kellu ħwejġu bħal garża tad-deheb kollha rrakmati minn disinni floreali, spalltu ddrappeġġjata minn *chlamys* kulur vjola porporeju maqfula b'labra dekorattiva ta' daqs kbir, filwaqt li bħal xalla wiesa' msejħa *trabea* issallab fuq sidru. It-tunika jkollha hawnhekk kmiem dojoq fini jew kultant il-kmiem wesgħin tad-dalmata, fiż-żewġ każi inċanati perli, ġawhar u ħaġar prezzjuż; l-istess bħat-*tabilion*, paneġġ tawwali fil-quddiem tal-libsa.



**Il-Kompatrun tax-Xagħra, Għawdex, San Ġużepp għandu statwa oħra sabiħa li nħadmet mill-Fabbrika Galard et Fils ta' Marsilja.**

L-idea ma baqgħetx sempliċi lbies, iżda ħa l-qagħda ta' vestwarju fejn l-immaġini ekkleżjastika fl-ilbies, sar l-ekwivalenti mhux biss tal-ilbies liturġiku iżda esklussivament monarkiku. Għaldaqstant l-Imperatur isir bħal Qassis il-Kbir u Gran ċermonjier, il-Viċi-Re ta' Kristu f'wiċċ din id-Dinja. Il-ġerarkija għall-personaġġi tal-Palazzi imperjali kellha ssegwi din is-simboloġija, ordni ta' rank u funzjoni.

Saħansitra l-użu ta' kodiċi ta' kuluri speċifiċi li jesprimu emozzjoni jew nobiltà bdew jiddefenixxu l-kunċett ta' lbies ikkodifikat eżatt kif San Ġwann l-Evanġelista jilbes biss aħmar u aħdar u San Pietru jfittex l-isfar u ċ-ċelest.

F'Biżanzju bħal fiċ-Ċina Imperjali, il-libsa hi ġerarkika. Il-Prinċipju tas-Seduzzjoni kważi jogħsfor interament, filwaqt li l-Prinċipju tal-Utilità lanqas jiġi biss meqjus.

Il-mużajk fil-Knisja ta' San Vital f'Ravenna jixhdu dan il-ġmiel fejn l-Imperatur Ġustinjanu u Martu Tejodora jippużaw bħala l-protitotipu assolut tal-vestwarju magħżul għall-Qaddisin Maltin protetturi tal-bliet u l-irħula tagħna. Id-dekorazzjoni tal-ilbies hawn jieħu definizzjoni ta' ġmiel assolut u jsir id-definizzjoni sublimi ta' dak kollu ċelestjali. Id-dekor jissarraf f'simboloġija minnu nnifsu, u l-alkemija tal-ġmiel tkun verament kompleta. Hekk naraw f'ilbies l-istatwa proċessjonali tagħna. L-immaġini kompluta ta' dak li naraw illum, fil-verità ilha tissawwar sekli sħaħ. Is-sbuħija estetika hi bħall-evoluzzjoni tal-ispeċi jew il-proċess storiku ta' bidla. Ġenerazzjoni tivvinta immaġini, u ta' wara tissoffistikah jew idawru f'forom ġodda.


Statwa oħra ferm partikolari ta' San Ġużepp maħduma f'Marsilja hija dik tan-Nadur Għawdex.

L-ilbies, l-allat u d-divinitajiet pagani Griegi, dawk Rumani u hekk kif dawn jisbieħu fil-kunċett ta' sbuħija Biżantina, illum intiret b'varjazzjonijiet minimi mill-Qaddisin tagħna, bħal donnu l-moda klassika tad-Divin hi waħda, unika u rripettibbli. Kollox ċiklu, kollox evoluzzjoni waħda. Xejn ġdid taħt il-kappa tax-xemx. Kollox jirrepeti ruħu, jitkattar u jissawwar skont l-esiġenzi taż-żmien u l-filosofiji tal-perjodu.

U fl-arkati trijonfali taż-żminijiet fejn jinqalbu l-imperi u jintilfu l-armati, fejn jiġġarfu l-palazzi u dejjem huma bħal gwardjani protetturi tal-ġens uman. Hemm biss huma, l-eterni sbieħ Qaddisin bil-ħarir imlibbsa, ħwejjiġhom raġġi tax-xemx u ħarsithom mitlufa fl-infinit. Il-Qaddis fuq il-bradella allura f'pajjiżna jilħaq bħal Viċi-Re ta' Kristu. Isir ċerimonjier, jiffunzjona ta' monarka. Ħwejġu bħal armatura mżejna disinni dehbija, juruk min hu, ifakkruk fil-kobor tiegħu u f'għemilu sagrosant.


L-Istatwa Titulari tal-Qala, xogħol ieħor li ħareġ mill-fabbrika Galard et Fils fl-1890.

Fil-ġerarkija tal-Qaddisin San Ġużepp għandu post prominenti. L-Għarus Kastissimu ta' Marija u l-Missier Putattiv ta' Ġesù, Ġużeppi jżomm umli kważi fil-ġenb, iżda l-ħwejjeġ li tawk uliedek, li tant ħabbewk huma fini, prodott il-ġenjalità u minquxa fis-safà ta' ħidmet il-bniedem u maħsuba f'dawl l-għerf imnebbaħ mid-divin. Ġmielek int Prinċep il-Knisja, jidher f'wiċċek ħosbien f'dak li ma fhimtx iżda li int emmint.

Ġmielek f'għajnejk ġojja ta' reverie lejn ibnek Ġesù, hekk kif ħolqu xbiehetek għaż-Żurrieq. B'libsa verde acido u b'mant kannella b'bambin f'idu bħal donnu lest jaqbeż minn idejk daqskemm mimli ħajja, ilbiesu ddisinjat bi fjuri rqaq u fantażiji ta' weraq b'ħafna ponot bil-pizzi. Sottili u delikata l-elaborazzjoni ta' ħwejġu fuq panneġġi tqal u ħorox kważi maqbuda f'riefnu. Il-kuntrast bejn it-tperpir goff tal-ħwejjeġ skolpiti b'tant saħħa fl-injam, dak l-istess injam simboliku tal-Qaddis, b'dawk id-disinni evanexxenti joħolqu l-kuntrast paradossali fil-karattru tiegħek bejn umiltà u saħħa moħbija.

Ġużeppi ż-Żebbuġi raġel xwejjaħ mgħobbi biż-żmien, kemm kemm imħarrek fuq pass kajman. Wiċċu seren għax ibnu tarbija rieqed ħiemed fuq spalltu. Ġmiel ilbiesu, vjola glycine rrakkmata fl-għonq, u mant ħadrani eau de nil, b'gallun wiesa' b'ġilju bajdan jitliegħeb mat-tul tiegħu kollu. Is-simbolu tas-safa' ta' ruħek jiddomina f'disinn ħwejġu, kważi simboloġija jew stemma ta' ismu bħal donnu sgraffjata fuq ilbiesu biex tipproteġi lill-Qaddis. Kollox jagħti sensazzjoni ta' serenità domestika, u lbiesu jagħtu ħjiel ta' paċi interjuri li tressqek lejh fi skiet.

Ġewwa r-Rabat, hemm Ġużeppi lbiesu minsuġ mill-fjuri u l-weraq tal-plajja. Eleganti u

Sobriju, ħwejġu skwiżitament bħal rakkmu u bizzilla mill-orjent mbiegħed. Figura mis-sema, mhux ta' din l-art. L-eleganza bħala l-epitomija ta' stat ta' Grazzja, dan Ġużeppi.

Ġużeppi Sid l-Imsida, raġel sbejjaħ, moħħu mkemmex b'elf ħsieb hekk kif ibnu tfajjel tal-idejn jifli kurċifiss ċkejken bħallikieku fehem sew x'inhu ġej fit-taqlib tal-ġejjien qarib. Ġużeppi liebes l-aħdar ilellex fid-deheb, filwaqt li mant kannella ċar bi kwadranti ta' weraq stlizzat u burdura ħoxna dehbija jżejnuh mingħajr ma jħallu li jintilef hu bħala bniedem sempliċi, raġel tal-familja.

Ġewwa Bormla, hemm Ġużeppi mis-sbieħ nett ilbiesu vjola kulur qawwi jikkontrasta mal-ħmura ta' lbies Ġesù, tfajjel ċkejken wiċċu wiċċ l-innoċenza. Galluni kważi neo-gotiċi jserrpu ma' truf il-kmiem u truf it-tunika. Wiċċu mixgħul, raġel potenti. Dan Ġużeppi lest għall-mewġ tal-ħajja!

Tbissima ħelwa tixgħel wiċċ Ġużeppi ż-Żejtuni, hekk kif donnu qed jitkellem ma' Ġesù wieqaf ħdejh, bħal donnu qasmu ċajta bejniethom. L-intimità ta' bejniethom u l-komunikazzjoni bejn missier u iben tnessik il-ġmiel ta' libsa griża fiċ-ċelest ma' mant kannella b'kontra inforra pistaċċa li mlibbes Ġużeppi, b'disinn intrikat ta' maestrija kbira.

Ġużeppi l-Għaxqi, martu wisq sabiħa! Wiċċu ħosbien bħal f'riflessjoni intima miegħu nnifsu, maqtugħ għalih filwaqt li Ġesù tfajjel imfarfar libes l-aħmar iħares lejh 'il fuq bħal donnu Hu stess qed jipproteġi lil missieru. Mitluf f'dinjietu, ilbiesu aħdar u kannella sgraffjat fil-fond f'panewwiet ġejometriċi fejn minn nofshom jinbtu bukketti tal-ġilju, bħal ma jafx xi sbuħija dawk ħwejġu hekk kif b'ġilju jilgħab m'ibnu.

Hemm Ġużeppi ġewwa Ħal Kirkop, li ħadd bħalu fi ħwejġu bħal penġihom anġlu ħawtiel. Ħwejġu interzjar ta' fjuri tax-xagħri fl-aqwa ta' Mejju ħlejju, waħda fejn waħda, tidwir ta' weraq stilizzat fuq art vjola kulur inixxi fil-glicine. Ilbiesu innu għal bravura tal-Arti fil-bniedem. Ilbiesu wirt ġens li ħabbu bla qies. Missirijiet siekta bħalu, bieżla fil-madmad tal-ħajja. Imbagħad bid-deheb jixxebblek ma' dak mantih hekk kif jitħarrek kajman mat-triqat imserrpa tar-raħal tiegħu ċkejken.

Dak mantih miġbur ħelu bħal stirat fuq sidru b'faxxi bħal saffi iddisinjati qishom sekli li bnew fuq xulxin, bħal nisġa ta' ġrajjiet storja ta' Poplu. Għajnejh żoroq qishom baħar, bla qies u ħiemed, b'Ġesù Bambin rieqed ġwejjed joħlom bi sbuħijiet qatt irrakkuntati qabel b'kelmet fomm il-bniedem. Wiċċ Ġużeppi l-Koppi, wiċċ ta' raġel ta' ftit kliem. Ikellmek b'għajnejh.

Jekk trid ħares. U isma'.